

Brussell, 20 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15699/25

MAMA 268	COHOM 172
MED 97	JAI 1737
CFSP/PESC 1683	MIGR 441
COPS 613	COTER 201
WTO 116	TRANS 566
ENV 1253	EMPL 526
ENER 606	DIGIT 247
ECOFIN 1559	EDUC 464
DEVGEN 216	

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt għall-Mediterran

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt għall-Mediterran, approvati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Novembru 2025.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt għall-Mediterran**

**Baħar Wieħed, Patt Wieħed, Futur Wieħed**

1. It-tisħiħ tas-sħubija Ewro-Mediterranja huwa prijorità strateġika għall-Unjoni Ewropea. Is-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran esprimew ukoll l-interess qawwi tagħhom frabtiet imsaħħa mal-Unjoni Ewropea f'mument meta s-sitwazzjoni ġeopolitika globali u reġjonali titlob relazzjonijiet politiċi aktar mill-qrib u sħubija msaħħa. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar il-Patt għall-Mediterran "Baħar Wieħed, Patt Wieħed, Futur Wieħed". Il-Patt huwa opportunità biex tissawwar mill-ġdid ir-relazzjoni tal-UE mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran bit-trawwim tal-Ispazju Komuni tal-Mediterran.
2. F'dan iż-żmien, filwaqt li niċċelebraw tletin sena mid-Dikjarazzjoni ta' Barcellona tal-1995, huwa biss permezz ta' impenn reċiproku b'saħħtu lejn prinċipji kondiviżi, azzjonijiet komuni fi spirtu ta' kokreazzjoni, sjieda konġunta, interess reċiproku u responsabbiltà konġunta li jistgħu jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti tletin sena ilu – li jkun hemm paċi, stabbiltà, prosperità sostenibbli u kondiviżja, u kompetittività għall-poplu tal-Mediterran. Din hija okkażjoni eċċellenti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet reġjonali komuni, permezz ta' djalogu politiku u kooperazzjoni.
3. Filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sħubija mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar – Aġenda Ġdida għall-Mediterran, adottati fis-16 ta' April 2021, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza tal-prijoritajiet u l-prinċipji deskritti. Filwaqt li jibni fuq l-Aġenda, il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment tagħha, is-Sħubijiet Strateġiċi u Komprensivi kif ukoll oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali oħra, il-Patt għandu l-għan li joħloq sinerġiji u jiddefinixxi mill-ġdid, jaġġorna u jagħti ħaġġa ġdida lill-aġenda komuni tagħna billi jistabbilixxi approċċ konġunt ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jevolvu tar-reġjun. Ser isir użu sħiħ ukoll mill-kanali stabbiliti, b'mod partikolari l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u l-Prijoritajiet tas-Sħubija, li jibqgħu l-qafas legali, istituzzjonali u politiku fundamentali ta' impenn u li għandhom jitqiesu fl-implimentazzjoni tal-Patt. Maż-żmien l-isforzi għandhom jikkonċentraw ukoll fuq l-iżvilupp ta' inizjattivi konġunti ma' pajjiżi f'reġjuni ġirien, inkluż permezz ta' kooperazzjoni trijangolari.
4. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' impenn reċiproku għall-paċi, is-sigurtà u l-ordni internazzjonali multilaterali bbażat fuq ir-regoli, id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll id-dritt internazzjonali inkluż fost l-oħrajn il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu għar-rispett sħiħ tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), li f'konformità magħha għandhom jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-oċeani u l-ibħra.

5. Il-Kunsill jissottolinja li l-oġġettiv ċentrali tal-Patt huwa li jissaħħa l-Ispazju Komuni tal-Mediterran. Il-Kunsill jappoġġa l-oqsma tematiċi tal-Patt, li huma strutturati madwar it-tliet pilastri li ġejjin: 1) in-nies: xprun għall-bidla, il-konnessjonijiet u l-innovazzjoni, 2) ekonomiji aktar b'saħħithom, aktar sostenibbli u integrati, u 3) sigurtà, tħejjija u ġestjoni tal-migrazzjoni.
6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jinħolqu pontijiet fost in-nies u l-pajjiżi li jrawmu fehim reċiproku u jipprovdu opportunitajiet għal tkabbir u żvilupp sostenibbli. Hemm potenzjal enormi biex tkompli tizzied l-integrazzjoni ekonomika u jiġu promossi l-kummerċ u l-investimenti sostenibbli, id-diversifikazzjoni tal-ekonomiji u l-ktajjen tal-valur, l-iżvilupp tal-ekonomija blu, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija kif ukoll il-konnettività bejn l-UE u l-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran biex jinħolqu opportunitajiet ta' impjeg u jiġu żgurati l-istabbiltà u r-reżiljenza ekonomika sabiex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi soċjali eżistenti u jingħata kontribut għall-koeżjoni soċjali. Il-Kunsill jissottolinja wkoll li l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u l-iskarsezza tal-ilma fil-Mediterran, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, kif ukoll iż-żamma tal-enfasi fuq l-edukazzjoni u l-impieg taż-żgħażaġh, il-protezzjoni u l-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali u l-indirizzar tal-isfidi demografiċi jibqgħu prijorità kondiviża.
7. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiżzied l-impenn politiku mas-sħab tan-nofsinhar tal-Mediterran u li jissaħħu d-djalogi politiċi u ta' politika. Dak ser jinkludi t-tishiġ tal-kooperazzjoni għall-paċi, is-sigurtà u d-difiża, inkluż dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-medjazzjoni, il-kriminalità organizzata, u s-sikurezza u s-sigurtà marittima biex jiġu ffaċċati l-isfidi komuni, jissaħħu l-kapaċitajiet tas-sħab Mediterranji u jiġu ffaċilitati skambji transreġjonali. Il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża għandha sseħħ f'konformità mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u l-oqfsa eżistenti tal-UE.
8. Il-Kunsill jappoġġa l-ġestjoni konġunta tal-migrazzjoni f'approċċ komprensiv, ta' gvern sħiħ, ta' rotta sħiħa u bbażat fuq id-drittijiet, bil-ħsieb li tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari u jiġi sfrattat in-negozju tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin b'kontroll imtejjeb tal-fruntieri, tittejjeb il-protezzjoni tal-migranti f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, il-persuni li jfittxu l-ażil u r-refuġjati, tiġi segwita politika effettiva ta' ritorn u riammissjoni inkluż ritorni sikuri u dinjitużi kif ukoll riintegrazzjoni sostenibbli, jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u l-ispostament furzat, jiġu strutturati perkorsi legali, f'konformità mal-kompetenzi tal-UE u dawk nazzjonali, f'konformità mad-dimensjoni esterna tal-politiki u l-leġislazzjoni tal-UE dwar l-ażil u l-migrazzjoni.
9. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa ta' ħidma konġunta mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran lejn ir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-libertajiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-Patt għall-Mediterran.

10. Il-Kunsill jappella għall-implimentazzjoni rapida u effiċjenti tal-Patt għall-Mediterran, appoġġat minn sistema ta' monitoraġġ u governanza fejn hu ser jipprovdi gwida politika. B'mod partikolari, il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, biex jipprovdu aġġornament annwali bil-miktub f'waqtu lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Patt, bħala kontribut għar-rwol imsemmi hawn fuq tal-Kunsill fil-livelli rilevanti kollha, inkluż il-Kunsill Affarijiet Barranin kif meħtieġ. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jibnu fuq il-gwida tiegħu biex jittrasponu l-Komunikazzjoni Konġunta fi Pjan ta' Azzjoni ddedikat biex jibdeu l-operazzjonalizzazzjoni tal-inizjattivi u l-azzjonijiet.
11. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-Unjoni għall-Mediterran bħala organizzazzjoni unika ta' kooperazzjoni reġjonali. Bis-setgħa li tlaqqa' u l-esperjenza tagħha fil-bini ta' networks reġjonali u fit-trawwim tal-kooperazzjoni, l-Unjoni għall-Mediterran ser titqies bħala sieħba fit-tnedija tal-Patt foqasma rilevanti.
12. Fit-tnedija tal-Patt, għandha tingħata attenzjoni speċjali għaż-żgħażaġh li għandhom jingħataw is-setgħa u jiġu involuti b'mod kostruttiv, inkluż permezz tal-Assemblea Parlamentari taż-Żgħażaġħ għall-Mediterran. L-involvement mas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili jibqa' ta' importanza kbira wkoll. Id-djalogi mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Patt.
13. L-implimentazzjoni effettiva tal-Patt għandha tkun appoġġata bil-mobilizzazzjoni tal-ġhodod ta' politika rilevanti tal-UE, inkluż dawk finanzjarji eżistenti. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li jiġu żgurati r-riżorsi finanzjarji adegwati. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li jintużaw strumenti ta' finanzjament rilevanti tal-UE u jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati l-koerenza u s-sinerġiji bejn dawn l-istrumenti, biex jiġu mobilizzati riżorsi addizzjonali mis-settur privat u l-istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej u Internazzjonali biex jiġu amplifikati l-isforzi trasformattivi f'konformità mal-prijoritajiet tal-istrateġija Global Gateway u f'koordinazzjoni mal-inizjattivi tal-Istati Membri f'approċċ ta' Tim Ewropa.
14. Biex jissaħħu s-sensibilizzazzjoni u l-fehim tal-impenn politiku skont il-Patt, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal outreach robusta u komunikazzjoni strateġika. Il-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-aċċess għal informazzjoni pluralistika u l-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni huma essenzjali biex jitrawwem djalogu kostruttiv.